MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 915/1985/1

Joseph Cutajar
vs
Michael Camilleri

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-attur li biha ppremetta:

Illi ftit zmien ilu l-attur kien ghamel xoghol tal-aluminium ghad-dar tal-konvenut u fuq talba tieghu.

Illi ta’ dan ix-xoghol il-konvenut kien ghad fadallu jhallas lill-attur bilanc ta’ hames mija u hamsa u hamsin Lira Maltin (Lm555).

Illi l-konvenut ghalkemm interpellat sabiex ihallas kien baqa’ inadempjenti stante li ma kienx hallas dan il-bilanc li kien cert, likwidu u dovut.

Illi fil-fehma ta’ l-attur il-konvenut ma kellu ebda eccezzjoni x’jaghti ghat-talba tal-hlas tal-kreditu fuq imsemmi.

Illi ghall-finijiet tal-artikolu mija u sebgha u sittin (167) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili l-attur kien annetta affidavit immarkat bhala dokument “A”.

L-attur talab lill-Qorti:

1. Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-Artikolu mija u sebgha u sittin (167) u artikoli sussegwenti tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili.

2. Tikkundana lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ hames mija u hamsa u hamsin Lira Maltin (Lm555), rapprezentanti bilanc ta’ somma akbar dovuta lill-attur bhala bilanc ta’ prezz ta’ xoghol tal-Aluminium li l-istess attur ghamel lill-konvenut.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittri ufficjali tad-29 ta’ Mejju 1985 u tal-10 ta’ Gunju 1985, u bl-interessi.

Il-konvenut gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokument prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat il-verbal tat-28 ta’ Gunju 1985 (fol 17) li minnu jirrizulta li l-Qorti awtorizzat lill-konvenut jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi t-talba attrici kienet infondata fil-fatt u fid-dritt, stante li l-konvenut ma kienx debitur ta’ l-attur.

2. Salv eccezjonijiet ohra permessi mil-Ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-digriet tat-28 ta' Gunju 1985 (fol 7) li bih gie nominat Dr. Joseph R. Micallef bhala perit legali.

Rat id-digriet tal-4 ta' Ottubru 1985 (fol 8) li bih gie nominat bhala perit tekniku l-A.I.C. Michael Abnelo Refalo.

Rat il-verbal tal-14 ta' Marzu 2001 (fol 73) li minnu jirrizulta li gie nominat bhala perit legali Dr. Mark Chetcuti, u dan in sostituzzjoni tal-perit legali precedenti Dr. Joseph R. Micallef li kien gie elevat ghall-gudikatura.

Rat il-verbal tat-13 ta' April 2005 (fol 168) li minnu jirrizulta li Dr. Joseph Buttigieg gie nominat bhala perit legali in sostituzzjoni ta' Dr. Mark Chetcuti.

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2006 (verbal fol 178) Dr. Raymond Zammit u Dr. Joseph Zammit McKeon ezentaw lill-Perit Tekniku Michael Angelo Refalo milli jikkonferma r-rapport bil-gurament stante l-indispozizzjoni tieghu.

Rat ir-rapport tal-perit legali Dr. Joseph Buttigieg u tal-perit tekniku l-A.I.C. Michael Angelo Refalo (fol 179 ***et seq***)li fih ghamlu s-segwenti kunsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet:

"KUNSIDERAZZJONIJIET:

*DWAR L-ISTIMI MAHRUGA MILL-ATTUR*

9. Tezisti parentela bejn il-partijiet ghall-kawza. L-attur jigi z-ziju tal-mara tal-konvenut.

10. Il-konvenut u martu ordnaw xoghol ta' aperturi ta' l-aluminium ghand l-attur.

Fi kliem l-attur, l-ordni saret fi tliet partijiet u inghataw stimi verbali f'kull kaz.

Fil-kontro ezami ta' l-attur, fis-seduta tas-17 t'Ottubru 1986, insibu hekk:

*"Ma nafx ezatt meta saret l-ewwel ordni. Pero` rrid nghid li fil-fatt tliet (3)ordnijiet saru minn mart il-konvenut. L-ewwel ordni saret dwar hamest (5) itwieqi, zewg'Bay Windows', u l-parapett. L-istima ta' din l-ewwel ordni kienet ta' Lm580 … … Nikkoregi ruhi w nghid li l-ewwel ordni kienet tinkludi wkoll zewg (2) bibien ….*

*It-tieni ordni kienet meta giet tghidli, ftit wara l-ewwel ordni, li ddecidew li jaghmlu l-gallarijiet mill-wicc 'il fuq bis-saqaf b'kollox.. …*

*It-tielet ordni kienet saret ftit wara billi mart il-konvenut immodifikat it-tieni ordni fis-sens li, naha minnhom, kellha tkun bil-bieb, u l-gallariji jkunu s'isfel.*

11. Fi kliem l-attur ukoll, l-inkarigu gie moghti lilu bl-ordni li tirrizulta mill-verbal tas-seduti tat-30.09.85 (fol. 94 tak-process) u tal-11 ta' Novembru 1985, (fol. 101 u 102 tal-process) :

[Seduta 30.09.85]

*"Meta mart il-konvenut giet tkellimni, qaltli li kienet kisbet post u dahlet f'hafna spejjez, pero` kien mehtieg li jsiru fih diversi aperturi. Meta mort fuq il-post, sibt li dawn l-aperturi mehtiega kienu jikkonsistu: f'hamest itwieqi zghar ta' 38 pulzier b'32 pulzier, b'zewg bibien kull wahda; zewgt itwieqi kbar, bi tliet bibien kull wahda-tnejn jinfethu lagemba u tan-nofs 'il fuq u 'l isfel u zewg bibien tal-gallarija, b'zewg aperturi l-wahda ……*

*Wara li kont kejjilt dan ix-xoghol, kont tlabt lil ibni Emanuel biex jaghmlilha l-istima …. Fl-istimi jiena kont ghadt lil ibni li, ghal ragunijiet ta' parentela, kellna stimi ridotti, u cioe Lm35 flok Lm45 ghal kull wahda mit-twieqi z-zghar (taz-zewg bwejbiet), Lm50 flok Lm60 ghal kull wahda mit-twieqi l-kbar, u Lm70 flok Lm80 ghal kull wiehed miz-zewg bibien, u Lm100 ghall-parapett.*

*Ghandi nghid li qabel ma kont lestejt l-istima, mart il-konvenut qaltli li x-xoghol xtaq iqieghdu fil-post zewgha peress li qaltli li l-lavranti tieghi huma daqsxejn traskurati …*

*… Hi accetat il-prezz u heggitni biex ma ndumx ma naghmel ix-xoghol. Jien wegibtha li ser nibdih, u tlabtha tibghatli depositu ta' Lm200. L-ghada giet b'mitejn Lira (Lm200), pero` qaltli li ddecidew li jaghmlu l-gallarijiet maghluqa, cjoe' mill-wicc 'il fuq, izda dan mhux immedjatament. Riditni pero` li naghtiha stima taghhom. It-tqeghid, kieku sar il-ftehim, ta' dawn il-gallarijiet ukoll kien se' jsir mill-konvenut.*

*Jien fil-fatt mort kejjilt dawn il-gallariji …… Wara li ghamilt dawn il-kostatazzjonijiet, gharraftha li l-istima titla' ghal Lm170 l-wahda flok Lm230. Ghandi niccara li din l-istima ma kenitx tinkludi l-prezz tax-xoghol ta' tqeghid … …*

Fis-seduta tal-11 ta' Novembru 1985, l-attur zied jixhed hekk (fol. 101 u 102 tal-process) :

*"Ghandi nghid li l-ftehim kien biss ghall-provista u l-fattura tal-materjal, izda t-tqeghid kellu jsir mill-konvenut peress li jinqala'. Irrid nghid ukoll li rigward il-gallariji mart il-konvenut kienet qaltli biex ma nahdimx fuqhom mal-ewwel, u fil-fatt jiena kkonsenjajt it-twieqi u l-bibien biss. Dwar l-istima tal-prezz globali, bil-gallariji komprizi, nghid li din tammonta ghal disa' mija u hamsa u hamsin lira (Lm955), minghajr il-poggaman. Li kieku l-poggaman kellu jkun inkluz fl-ordni, l-istima titla' b'mitt lira (Lm100) ohra.*

*Meta tajt lil mart il-konvenut l-istima tal-gallarija kont diga kkonsenjajt il-bibien u t-twieqi kollha bil-hgieg. Xi jumejn wara li tajtha l-istima tal-gallariji "bla taht", u cjoe mill-hogor tal-gallarija 'l fuq, kienet giet mart il-konvenut fil-workshop u qaltli li l-konvenut iddecieda li l-hogor tal-gallarija tal-konkos kien se' jnehhih u riedu li l-gallarija kollha tkun tal-aluminju. Qaltli li riedet il-gallarija mis-sbieh, tajtha disinn (cjoe halliet f'idejja) pero ghedtilha li, peress li issa zdied ix-xoghol, gallarija kompluta kienet ser tqum izjed. Jien ghedtilha li gallarija shiha tqum mat-Lm350, pero ghal ragunijiet ta' parentela, kont qed nitlobha Lm275 kull wahda, kompluta bis-saqaf b'kollox, u bis-"sealing", eskluz it-tqeghid li l-konvenut kellu jaghmel hu."*

12. Irrizulta illi kien hemm l-inkarigu moghti mill-konvenut u kemm l-istimi mahruga mill-attru, saru kollha bil-fomm. Fir-rigward ara wkoll il-bidu tat-tieni paragrafu tax-xhieda ta' Lydia Camilleri, fis-seduta tas-6 ta' Marzu 1986 (a fol. 122 tal-process).

13. Ix-xoghol kollu li dwaru l-attur ta' stima, gie maghmul mill-attur u ikkonsenjat lill-konvenut, hlief ghall-aluminium tal-parapett.

14. Is-soqfa tal-gallariji l-attur hadimhom u mar biex jikkonsenjahom, izda dawn gew rifjutati minn mart l-konvenut billi, kif xehdet hija stess, dakinhar filghodu zewgha kien ghamel is-soqfa tal-gallariji hu, minn materjal differenti mixtri minnu. Ara fol.124 tal-process, para. 5.

15. **Il-partijiet ma jaqblux dwar jekk l-istimi moghtija mill-attur kienux jinkludu l-prezz tat-tqeghid ta' l-istess xoghol ta' l-aluminium, ordnat mill-konvenut**.

16. Ghal kull buon fini, l-esponenti jindikaw illi l-prezzijiet ikkwotati mill-attur u accettati mill-konvenuti, kienu s-segwenti:

Lm35 ghal kull wahda mit-twieqi z-zghar
Lm50 ghal kull wahda mit-twieqi l-kbar

Lm70 ghal kull bieb
Lm275 ghal kull gallarija shiha

Fir-rigward ta' dawn il-prezzijiet, l-esponenti wara li ezaminaw il-provi kollha u hadu in konsiderazzjoni l-prezzijiet vigenti fis-suq ghal xogholijiet simili, fiz-zmien li sar x-xoghol mill-attur, jidhrilhom illi l-prezzijiet ikkwotati mill-attur ghall-istess xoghol mhux biss kienu prezzijiet ragonevoli izda wkoll ma kienux jinkludu l-prezz tat-tqeghid ta' l-istess aperturi.

**17. Ghalhekk il-kontenzjoni tal-konvenut, kif formulata fl-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni guramentata taieghu, cioe lil-istimi kienu jinkludu wkoll it-tqeghid, (fi kliem il-*konvenut "mano d'opera"*) fil-fehma ta' l-esponenti ma hix verosimili, m'ghandhiex tittiehed in konsiderazzjoni, anzi ghandha tigi skartata.**

18. **Ghaldaqstant, l-esponenti jaccettaw bhala korretta l-istima mahruga mill-attur, ta' Lm955, ghax-xoghol ordnat u minnu mahdum minghajr it-tqeghid.**

*DIFETTI FIX-XOGHOL TA' L-ATTUR*

19. Il-konvenut jilmenta minn difetti fix-xoghol ta' aperturi mahduma mill-attur u konsenjati lilu.

Dwar ix-xoghol ta' aperturi mahduma mill-attur, sar access mill-perit tekniku fit-23 t'Ottubru 1985 (fol. 97 tal-process et seq). Fl-istess access irrizulta hekk :

*Il-perit tekniku innota illi :*

*Fis-sular ta' fuqnett, u cjoe' t-tielet sular :*

*a) It-tieqa fil-washroom fiha 28 ¼" x 28 ½ " ; ghandha l-handle jahbat mat-tebqa l-ohra meta tigi biex taghlaqha;*

*b) Dwar it-tieqa fit-tromba tat-tarag ma hemm l-ebda lment ;*

*Fit-tarag, bejn it-tieni u t-tielet sulari: tieqa 36 ½ ” x 32 ¼ ” inhadmet akbar mill-apertura. Gie konstatat li kellha titwessa’ l-apertura biex toqghod ic-caccisa;*

*Fit-tieni sular :*

*a) Il-konvenut attira l-attenzjoni tal-perit tekniku li l-bieb li jaghti ghall-gallarija mikxufa, fuq taht ma fiehx battent minn barra; u zied jghid li jekk kif sar dan il-bieb huwa skond l-arti u s-sengha, huwa ma ghandu l-ebda lment dwaru. Il-perit tekniku innota illi dan il-bieb huwa xi ftit imdendel, pero` l-konvenut stqarr li dwar dan ma hux qed jilmenta. L-attur issottometta illi f’bibien simili ma hix prattika li jsir battent fil-parti ta’ isfel fuq barra;*

*b) Fil-gallarija mghottija, il-perit tekniku immota li l-purtelli fil-genb xellug ma jaghlaqx tajjeb, u meta jkun maghluq, jidher id-dawl minn bejn il-frame u l-pilastru; hemm ukoll qarsa jew makkjatura fil-parti tal-frame ta’ taht; il-konvenut allega li dina grat meta lavrant ta’ l-attur illieva dan il-purtell biex jipprova jirrangah. L-attur ammetta li, fil-fatt hekk kien gara. Il-perit tekniku innota wkoll li t-tieni purtell mix-xellug fil-faccata tal-gallarija jixxengel u jidher id-dawl minn bejn il-frame u l-pilastru meta l-purtell ikun maghluq.*

*Il-konvenut attira l-attenzjoni tal-perit tekniku li d-disinji forma ‘djamant’ mal-wicc tal-gallarija huma mwahhlin bis-sealer u mhux bil-viti. Huwa zied jghid li jekk kif twahhlu huwa skond l-arti u s-sengha, dwar dan m’ ghandux ilment.*

*Il-perit tekniku innota li s-saqaf ta’ din il-gallarija ma huwiex ta’ l-aluminju.*

*c) Tieqa fil-kamra tal-banju 58 ½ ” x 43 ½ ”. Din hija tieqa bi tliet tebqiet. It-tebqa tan-nofs ghandha l-parti ta’ fuq biss li tinfetah. Il-konvenut allega li huwa kien ordnha tinfetah kollha. Il-perit tekniku innota li l-parti tat-tebqa tan-nofs li tinfetah ma tinghalaqx tajjeb; u li l-handles jahbtu mal-pilastru meta tigi biex taghlaq iz-zewg tebqiet tal-gnub. Il-konvenut ilmenta wkoll dwar li t-tebqa li ma tinfetahx ma sarilhiex sealer.*

*Fit-tarag bejn l-ewwel u t-tieni sular :*

*Tieqa 34 ½ ” x 37 ”. Il-perit tekniku innota li din it-tieqa inhadmet akbar mill-apertura. Gie kkonstatat li kellha titwessa’ l-apertura biex toqghod ic-caccisa.*

*Fl-ewwel sular :*

*a) Il-konvenut ghamel l-istess kummenti dwar il-bieb tal-gallarija mikxufa ma fihx battent fuq taht minn barra. Il-perit tekniku innota li dan il-bieb gie mahdum pjuttost izghar mill-apertura li fiha twahhal.*

*b) Fil-gallarija moghttija l-konvenut ghamel l-istess rimarki dwar li d-disinji ‘djamant’ fuq barra huma mwahhlin bis-sealer u mhux bil-viti; il-perit tekniku innota li s-saqaf tal-gallarija ma hux tal-aluminju; li l-purtelli huma izghar mill-frames; u li kellu jizdied tubu fil-genb xellug peress li l-gallarija nhadmet fuq wisa’ uniformi waqt li fil-fatt kienet imxattra. L-attur ammetta li l-kejl kien ittiehed biss fil-genb lemin li hu idjaq mill-genb xellug. Dwar il-purtelli, l-attur issottometta illi f’din is-sura ta’ purtelli li fihom gholi ta’ 40 ” u huma mdendlin fuq zewg cappetti ta’ 4”, il-purtelli ta’ bilfors jixxenglu.*

*c) Tieqa fil-kcina li dwar it-tebqa tan-nofs taghha il-konvenut ghamel l-istess kummenti kif kien ghamel ghat-tieqa ta’ fuqha, cjoe’ tal-kamra tal-banju fit-tieni sular. Din it-tieqa wkoll inhadmet akbar mill-apertura, tant illi din kellha titwessa’ biex tqoghod ic-caccisa.*

*Fil-pjan terren:*

*Tieqa li nhadmet pjuttost izghar mill-apertura li fiha 42 ½ ” x 33”.*

*Gie kkonstatat ukoll li ma hemmx poggaman fit-tarag tal-parapett u l-partijiet qablu dwar li l-poggaman li kien hemm stivat fl-entrata ma nhadimx mill-attur. Gie ukoll ikkonstatat li l-bieb ta’ barra, li huwa tal-injam, ma fih ebda ‘grille’ ta’ l-aluminju. Bhala ilmenti generici, il-konvenut*

*irrivela illi mkien ma saru tappijiet fejn hemm toqob fl-aluminju; li ma sarux gangetti fejn normalment isiru; u li ma sar ebda sealer.*

20. Fil-fehma ta’ l-esponent perit tekniku, id-difetti li rrizultaw waqt l-access:

i. Huma ta’ natura lievi u setghu facilment jigu rrangati; u
ii. Huma in parti attribwibbili ghax-xoghol mahdum mill-attur u in parti attribwibbli ghat-tqeghid li sar mill-konevut.

21. Dwar l-ilment tal-parti civili rigward it-twessiegh ta’ l-aperturi, sabiex tkun tista’ toqghod ic-caccisa, l-esponenti jirrilevaw illi kieku t-tqeghid kien parti mix-xoghol kuntrattat lill-attur, allura kien ikollu jaghmlu hu. Izda ladarba l-partijiet ftehmu li x-xoghol tat-tqeghid kellu jsir mill-konvenut isegwi li dan kien xoghol li kellu jaghmlu l-istess konvenut.

**22. L-attur ghandu jirrispondi biss ghad-difetti li rrizultaw fix-xoghol tieghu u mhux ghal dawk id-difetti li feggew minhabba t-tqeghid ta’ l-aperturi.**

23. Mhux possibbli li wiehed jaghti bil-preciz x’ghandu jitnaqqas mill-prezz ghal kull difett partikolari li ghalih huwa responsabbli l-attur.

Izda, fil-fehma ta’ l-esponenti, ikun gust u ekwu jekk fuq bazi ta’ *arbitrio bono viri* jitnaqqsu hamsin lira maltija (Lm50) mill-prezz shih kwotat mill-attur. Dana purament ghad-difetti fix-xoghol attribwibbli lill-istess attur, kif ukoll ghal xi spejjez ta’ “piping’ li hallas ghalihom il-konvenut biex iqieghed l-aperturi, liema piping kien inkluz fl-istima ta’ l-attur.

**24. Ghaldaqstant, il-prezz alobali ta’ Lm955 ikkwotat mill-attur ghandu jigi ridott b’Lm50 ghal Lm905.**

*DEWMIEN BIEX ISIRU S-SOQFA TAL-GALLERIJI*

25. Irrizulta wkoll li l-inkwiet bejn il-partijiet beda meta l-attur dam biex ikkonsenja s-soqfa tal-galleriji.

Mid-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut, jirrizulta illi l-galleriji gew konsenjati fl-20 ta' April 1985. Jirrizulta wkoll illi l-attur obbliga ruhhu li jwahhal is-soqfa fit-22 t'April 1985. Din l-obbligazzjoni ma saritx bil-miktub u ma hix konfermata millattur.

Da parti tieghu, l-attur spjega ghaliex ma setax jikkonsenja s-soqfa flimkien mal-galleriji. L-attur spjega illi hu ma setax jiehu l-qies preciz tas-soqfa qabel ma jitqieghdu l-galleriji fil-post, billi ried jaqta s-soqfa skond il-qisien li jirrizultawlu.

It-tqeghid tal-galleriji ma kienx responsabbli ghalih l-attur, billi ma kienx inkluz fl-istima li kien ta.

Barra hekk, l-attur qal li ma kienx irnexxielu jsib il-materjal mehtieg ghas-soqfa mall-ewwel, izda malli sab il-materjal hadem l-istess soqfa u mar biex jikkonsenjahom.

26. Irrizulta illi l-konvenut deherlu li ma kellux jistenna aktar, minhabba l-biza tal-maltemp, u ghalhekk kien xtara materjal differenti u ghamel hu soqfa ta' l-istess galleriji, proprju dakinhar filghodu li l-attur mar biex jikkonsenjalu s-soqfa.

Minhabba li l-konvenut kien ga ghamel u wahhal is-soqfa hu, mart il-konvenut irrifjutat is-soqfa mahduma mill-attur. L-attur hadhom lura fil-workshop tieghu, izda billi kienu maqtughin tal-qies, ma setghux jintuzaw u kellhom jintremew.

27. Fir-rigward ta' din il-vertenza, l-esponenti fl-ewwel lok jaghmlu s-segwenti konsiderazzjoni.

Skond il-konvenut, il-galleriji gew konsenjati fl-20 t'April 1985. Skond ic-citazzjoni, l-attur ipprezenta l-ewwel ittra ufficjali fid-29 ta' Mejju 1985, cioe ftit aktar minn xahar wara. Allura wiehed jikkonkludi li l-attur zgur mar biex

jikkonsenja s-soqfa tal-galleriji f' gurnata bejn l-20 ta' April u t-28 ta' Mejju 1985.

Il-perijodu involut ma jirrizultax li huwa zmien esagerat.

L-esponenti jidhrilhom illi ghalkemm wiehed jista' jifhem l-inkonvenjent li seta' kien qieghed isofri l-konvenut, minhabba possibilta` ta' maltemp, fic-cirkostanzi dan il-fatt wahdu ma kienx legalment jiggustifika l-azzjoni drastika mehuda minnu meta qabad u ghamel is-soqfa hu, minn materjal differenti. Dana tenut kont anke tal-perjodu ta' zmien li ghadda bejn il-konsenja tal-galleriji u meta l-attur mar biex jikkonsenja s-soqfa taghhom. Inoltre, lanqas jirrizulta sodisfacentement mill-provi illi l-konvenut avza lill-attur li kien ser jaghmel is-soqfa hu. Anqas ma rrizulta sadisfacentement illi l-konvenut informa lill-attur li dan ta' l-ahhar kellu jieqaf mix-xoghol fuq is-soqfa tal-galleriji.

Ghalhekk il-konvenut ghandu jinzamm responsabbli anke ghall-materjal tas-soqfa li l-attur kellu jarmi. Dan il-prezz kien inkluz fl-istima.

28. Il-partijiet jaqblu li l-konvenut hallas lill-attur Lm400 akkont.

***KONKLUZJONI***

29. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-esponenti jikkonkludu illi:

i. L-istima tax-xoghol ta' aperturi mahduma mill-attur fuq l-inkarigu tal-konvenut, li ma kenitx tinkludi x-xoghol ta' tqeghid, kienet ta' Lm955.

ii. Minn dan il-prezz ghandha titnaqqas is-somma ta' Lm50. Dan ghal difetti fix-xoghol mahduma mill-attur, ghal liema difetti l-istess attur huwa responsabbli, u ghal prezz ta' materjal ta' piping mixtri mill-konvenut meta dan kien inkluz fl-istima ta' l-attur.

iii. Peress li l-konvenut hallas is-somma ta' Lm400 akkont, allura fadallu jhallas lill-attur is-somma ta' Lm505.

Ghalhekk it-talbiet ta’ l-attur irrizultaw gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha fis-sens fuq spjegat.”

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Il-partijiet ipprezentaw noti ta’ osservazzjonijiet li jinsabu a fol 198 u 203 rispettivament. Il-konvenut ikkritika r-rapport peritali u sostna li:

“ghalkemm interpellat kontinwament, l-attur ikkonsenja biss is-sebat itwieqi u zewg bibien sal-31 ta’ Marzu 1985. Dawn pero` gew konsenjati biss u ma twahhlux mill-attur, kif kien miftiehem. Infatti, kellu jwahhalhom l-esponent. Mhux biss, izda l-offetti konsenjati saru b’qisien sbaljati tant li l-esponent kien kostrett iqatta’ partijiet minn xi hitan biex setghu jidhlu f’posthom.”

Kif irrizulta mir-rapport peritali ma’ liema konkluzjonijiet din il-Qorti bazikament taqbel il-konvenut stess kien talab li jwahhal l-aperturi hu stess u infatti anke l-prezz tax-xoghol jikkorrispondi max-xoghol fl-aperturi u mhux inkluz il-prezz ghax-xoghol ta’ tqeghid. In-numru ta’ aperturi konsenjati gie kunsidrat ukoll mill-periti nominati mill-Qorti. Il-periti kkunsidraw il-fatt tal-qies li ma qabilx.

Il-konvenut sostna wkoll li:

“L-attur obbliga ruhu li fit-22 ta’ April 1985 jwahhal s-soqfa u l-hgieg, pero` naqas li jaghmel dan ghalkemm kien jaf li t-temp ma kienx jippermetti aktar dewmien. Peress li ghaddew xi granet ohra u dan l-ahhar xoghol baqa’ ma sarx, unikament htija tal-inadempjenzi kontinwi tal-attur, dan gie infurmat li l-bqija tax-xoghol kien ser jkun ordnat minn haddiehor.”

Dan l-aspett ukoll gie kunsidrat mill-periti. L-inkonvenjent tal-konvenut u x’kellu jsofri minhabba l-possibbilta` ta’ maltemp gie evalwat u l-periti hassew li ma kienx legalment gustifikabbli l-azzjoni drastika mehuda mill-konvenut meta qabad u ghamel is-soqfa hu minn materjal differenti. Gie kunsidrat anke l-fattur tal-perjodu ta’ zmien li ghadda bejn il-konsenja tal-gallariji u minn meta mar l-attur biex jikkonsenja s-soqfa taghhom. Hu importanti hafna li l-konvenut stess qatt ma avza lill-attur li kien ser

jaghmel is-soqfa hu stess halli jieqaf mix-xoghol fuq il-gallariji. Dan lill-attur ikkawzalu hela ta' materjal apparti xoghol inutli.

Il-konvenut ilmenta wkoll:
"Fic-citazzjoni tieghu, l-attur isostna li l-esponent, ghax-xoghol fuq imsemmi, ghad fadallu jhallas bilanc ta' hames mija u hamsa u hamsin lira (Lm555)."

Izda jemergi car li l-istima ghax-xoghol ta' aperturi li kien prezz ragunat hafna kien jammonta ghal Lm955 u gie mnaqqas Lm50 ghal difetti fix-xoghol b'mod li l-ammont dovut kien ta' Lm905. Irrizulta wkoll car li l-konvenut hallas biss is-somma ta' Lm400 akkont u ghalhekk johrog car li l-bilanc dovut huwa ta' Lm505 meta fic-citazzjoni l-attur kien talab il-hlas ta' Lm555.

Il-fatti l-ohra kollha msemmija fin-noti tal-partijiet gew trattati diga mill-periti u din il-Qorti tikkondividi l-mod kif gew studjati.

Dwar l-eccezzjoni tal-konvenut li mhux id-debitur tal-attur din certament ma gietx pruvata u ghalhekk hija michuda.

Dwar it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm555 kif intqal fuq il-Qorti hija konkordi ma' dak li qalu l-periti li l-konvenut ghad fadallu jhallas lill-attur is-somma ta' Lm555 u ghalhekk tikkundannah jaghmel dan il-hlas.

Dwar imghax jinghad li l-principju generali hu li dan jiddekorri minn meta l-ammont dovut ikun gie likkwidat. Il-principju hu li ***in illiquidis non fit mora*** ghax l-imghax ghandu jghaddi biss minn meta l-ammont huwa cert, likwidu u skadut u cioe` mhux minn xi somma ***da likwidarsi***, fejn l-ammont mitlub jirrizulta li mhux kollu dovut. Jekk l-ammont ma jkunx likwidu d-debitur ma jkunx jaf kemm ghandu jhallas u minhabba f'hemm ma jkunx jista' jhallas u ghalhekk ma jkunx moruz fil-pagament. Dan il-principju huwa konsegwenza naturali tal-fatt li qabel dik il-likwidazzjoni u approvazzjoni d-debitur ma jistax jinghad li jkun kostitwit ***in mora***. Ara f'

dan is-sens dawn is-sentenzi fejn il-gurisprudenza tista' tghid hija pacifika:

**Salvatore Camilleri noe vs Candida Dimech ed altri** (9 ta' April, 1877) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet illi:
".............il debitore di una somma non liquida non deve interessi se non dal giorno della liquidazione............."

**Negoziante Vincenzo Strati vs Tito Boselli noe** (18 ta' Ottubru, 1909) fejn il-Qorti Kummercjali rriteniet illi:
"I crediti illiquidi, sebbene commerciali, non producono interessi che dal giorno della liquidazione".

**Mallia Tabone Utrinque –** 8 ta' Dicembru, 1903

**Filippo Farrugia Gay vs Padre Antonio Buhagiar dei Minori Conventuali noe** (12 ta' Mejju, 1916) fejn il-Qorti ta' l-Appell qatghet illi:
"Ma non essensdo chiesta una somma liquida, gli interessi non possono decorrere che dalla data della liquidazione, la quale nel caso sotto esame segue mediante la presenti decisione".

**Vincente Grech et vs Onor. Prof. AIC John Gatt noe** (24 ta' Ottubru, 1941) fejn il-Qorti ta' l-Appell ghal darb'ohra qatghet illi:
" ............meta s-somma ma tkunx likwidata l-imghax jibda jiddekorri mill-gurnata tal-likwidazzjoni".

**Maria Ellul Bonnici et vs Felice Mercieca et noe** (26 ta' April, 1950) Qorti Civili Prim'Awla:
"L-imghaxijiet ma humiex dovuti mill-gurnata tat-talba meta d-debitu jkun incert u illikwidu, izda mill-jum tal-likwidazzjoni u ta' l-approvazzjoni taghha".

**William Sare` vs Carmel sive Charles Sammut –** Qorti ta' l-Appell 29 ta' Mejju, 1988.

**Anthony Mercieca vs in-Nobbli Salvino Testaferrata Moroni Viani et** (16 ta' Dicembru, 1991):
"Ammont likwidu jew ammont illikwidu huma espressjonijiet ekwivalenti ghal ammont determinat jew

ammont indeterminat u dawn huma dejjem riferibbli ghall-pretensjonijit avvanzata fit-talba ta' l-attur. Huwa l-attur li jiffissa t-termini tal-pretensjoni tieghu u huwa jaghzel jekk jitlobx ammont minnu determinat jew jitlob ammont indeterminat li ghandu jigi determinat mill-Qorti".

**Anthony Buhagiar pro et noe vs Edward Scerri** – App Civili Superjuri tat-30 ta' Marzu, 2001.

Irid jinghad li kien hemm xi eccezzjonijiet ta' meta l-Qrati taghna hassew li l-imghax seta' jkun dovut qabel. Hekk insibu li fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Francis Xavier Aquilina vs Andrew Mamo nomine** deciza fid-19 ta' Novembru 2001 inghad:

"Din il-Qorti allura mhix qeghda b'mod kategoriku tghid illi ma jistghux jezistu cirkostanzi fejn l-imghax ikunu wkoll dovuti fuq ammont li ma jkunx ghadu materjalment gie likwidat bl-applikazzjoni tal-principju *in illiquidis not fit mora*, specjalment fejn ir-responsabilita' ghad-danni tkun giet ammessa. Il-gurisprudenza illi l-attur "ma setghax jitlob interessi anterjuri ghall-prezentata tac-citazzjoni ghaliex hu ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrali li f'kawza ta' likwidazzjoni jinghataw biss interessi mid-data tas-sentenza..........." hi s-suggett ta' zvilupp gurisprudenzjali li ghad irid jigi verifikat.

***Omissis***

B'dana kollu din il-Qorti f'kawza b'mertu bhal dak taht ezami ma kellhiex tonqos li tesplora l-possibilita' li dak il-principju jkun temperat fejn tkun ovvja l-assunzjoni ta' responsabilita' ghall-hlas tad-danni u fejn allura n-nuqqas ta' likwidita' tkun tirreferi ghal ammont pretiz, u mhux ghall-accettazzjoni tar-responsabilita' ghall-hlas tieghu. Fejn imbaghad l-ammont effettivament likwidat ikun jirrizulta li hu sostanzjalment l-istess bhal dak pretiz mill-kreditur, il-Qorti setghet tqis li kienu jokkorru cirkostanzi fejn kellha tassigura li d-debitur ma jigix avvantaggjat semplicement mir-riluttanza tieghu li jhallas bl-iskuza li l-ammont ma kienx determinat gudizzjarjament, billi jiffranka l-hlas ta' l-imghax sakemm l-ammont jigi definittivament likwidat." [kliem sottolineat minn din l-Qorti]

Posizzjoni simili ttiehdet fil-kawza deciza mill-Prim'Awla fil-kawza fl-ismijiet **Citadel Insurance p.l.c. vs Johann Ciantar** deciza fl-20 ta' Gunju 2002 [Imh J R Micallef] fejn jinghad:
"Hija wkoll il-fehma taghha li meta talba ghall-hlas ta' danni hija maghrufa jew facilment determinabbli sa minn qabel jinbdew il-proceduri gudizzjarji li jkollhom jittiehdu biex jintalab dak il-hlas, l-imghax ghandu jiddekorri minn dak inhar li ssir l-ewwel intima b'att gudizzajrju (jekk dan ikun sar) u mhux minn dak inhar li eventwalment tinghata s-sentenza li tikkonferma dak l-ammont;" [kliem sottolineat minn din l-Qorti]

Fil-kawza deciza mill-Prim' Awla fis-16 ta' Ottubru, 2002 fl-ismijiet **Blye Engineering Company Limited vs Paolo Bonnici Limited** [Imh G Valenzia] b'referenza ghal ***in illiquidis non fit mora*** inghad:
"Din il-massima ma ghandiex applikazzjoni assoluta u jista' jkun hemm kazi fejn il-Qorti ma tapplikahiex, ghaliex diversament tkun qedgfha taghti vantagg lid-debitur. Kaz bhal dan huwa meta l-likwidazzjoni ma tkunx tista' ssir minhabba htija tad-debitur. Fuq din il-kwistjoni ikkummenta Giorgi (Teor Obbligaz Vol III pag 202). U ara sentenza Vol LXXXI-I-359 Schembri vs Dr L Buhagiar 28/2/1997."

Ghalhekk il-principju generali hu li ***in illiquidis non fit mora*** ghax l-imghax ghandu jghaddi biss minn meta l-ammont huwa cert, likwidu u skadut ghalkemm tezisti l-possibilita` li dak il-principju jkun temperat fejn tkun ovvja l-assunzjoni ta' responsabilita` ghall-hlas tad-danni u fejn allura n-nuqqas ta' likwidita' tkun tirreferi ghal ammont pretiz, u mhux ghall-accettazzjoni tar-responsabilita` ghall-hlas tieghu.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm505 bl-ispejjez 10/11 ghall-konvenut u 1/11 ghall-attur u bl-imghax mil-lum kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------